KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 36/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36

*l-Erbgħa, 19 ta' Diċembru, 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 19 ta' Diċembru, 2017. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Seychell talab biex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw li huwa ikun skużat.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.35 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jirringrazzja lil kull min ta' sehmu fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Paola 2017.

2.3. Il-Viċi Sindku staqsa dwar in-nuqqas ta' dawl fl-akwata ta' Ġnien Lorry Sant. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saru żewġ applikazzjonijiet għal-bozoz ġodda kif ukoll illi s-Sindku ser jiltaqa' mal-Kunsillier Spiteri fuq il-post sabiex jaraw x'tip ta' dawl jista' isir fil-ġnien.

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mill-*GreenPak* sabiex jinfurmaw lil membri li ser issir kampanja edukattiva ġdida bieb-bieb u jitqassmu wkoll il-boroż ħodor bieb bieb.

4. ***Performance bonus* tal-ħaddiema**

4.1. Il-membri iddiskutew il-ħidma tal-impjegati tal-Kunsill dan is-suġġett u qablu li s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill Lokali Paola għandom jingħataw il-massimu tal-*performance bonus.*

5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi għada ser issir żjara mill-Onorevoli Anthony Agius Decelis mid-9.30am il quddiem, fiċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva u stieden lil membri tal-Kunsill sabiex jattendu.

5.2. Is-Sindku fakkar lil membri illi Transport Malta kienet approvat illi Triq Bormla issir one way fid-dawl tal-proġett tal-pjazza però ġara li din sargħet nofsa one way. Kompla li dan wassal għal konġestjoni ta' traffiku fi Triq San Ġużepp. Wara diskussjoni mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta, is-Sindku qal li sargħet talba lil Transport Malta biex din tiġi issa kollha one way minn Jannar. Il-membri qablu ma dan.

## 6. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.1. Il-Kunsillier Muscat fakkar fl-irħama li kellha issir fi Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li din ser issir f'Jannar.

6.2. Il-Viċi Sindku xtaq jerġa ifakkar illi meta ssir ħarġa oħra ta' Leħen Paola għandna tingħata attenzjoni aktar lil ħidma tal-Kunsill kif ukoll li dan għandu jintbagħat qabel lil membri tal-Kunsill.

## 7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 36 għas-somma ta' €41,643.21.

## 8. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018.

8.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018.

**IFFIRMATA** — **IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku